PDF Compressor Pro






Il-Pellegrinaġġ tar-roti u l-muturi joqrob lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja

MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



Il-Kor Fjur t'Assisi flimkien mal-E.T. Mons Adeodato Micallef, Isqof Emeritu tal-Kuwajt, f'ritratt tal-okkażjoni, hekk kif spiċċat il-Konċelebrazzjoni Solenni ta' Jum il-Festa

# Jagħlaq l-istaġun tal-Festi

F'Għawdex għalaq l-istaġun tal-festi, b'dik tal-Madonna tal-Grazzja, meqjuma fil-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini, fir-Rabat.

Is-Sibt 11 ta' Settembru, fis-7pm, l-E.T. Mons Adeodato Micallef, Isqof Emeritu għall-Kuwajt, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni, fil-Knisja.

Il-Ħadd, 12 ta' Settembru, fid-9am, il-W.R. Provinċjal tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Gżejjer Maltin, Patri Manwel Barbara, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kor Fjur t'Assisi, taħt id-direzzjoni ta' Marita Cassar.

Fost dawk preżenti kien hemm il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono flimkien mar-raġel tagħha Anthony u s-Sindku tal-Belt Victoria l-Avukat Samuel Azzopardi flimkien ma' martu l-Avukatessa Ramona.

Fil-ħdax, numru sabieħ ta' sewwieqa tar-roti u muturi ltaqgħu fil-pjazza tas-Santwarju ta' Pinu biex jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ tradizzjonali tar-roti u muturi lejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja.

Qabel it-tluq minn Ta' Pinu, l-parteċipanti nġabru għal talba qasira ħdejn *it-truck* li ġarr kopja tal-kwadru nkurunat tal-Madonna tal-Grazzja. It-*truck* mexxa l-pellegrinaġġ li kien akkumpanjat il-ħin kollu bil-kant ta' innijiet marjani.



Il-Provinċjal, Patri Manwel Barbara imexxi l-Konċelebrazzjoni Solenni tal-festa

Jilqgħu l-pellegrinaġġ quddiem is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja kien hemm il-Gwardjan, Parti Karm Dimech kif ukoll il-Provinċjal tal-Patrijiet Kapuċċini, Patri Manwel Barbara.

Patri Barbara bierek il-parteċipanti waqt li Patri Karm tahom tifkira ta' l-okkażjoni.

Fil-5.30pm tkanta l-għasar u aktar tard is-Saċerdot novell Dun Maximillian Grech, mexxa Konċelebrazzjoni Solenni.

Fis-7pm bdiet ħierġa l-Purcissjoni bl-istatwa devota tal-Madonna tal-Grazzja, immexxija minn Dun Maximillian Grech, akkumpanjata mill-Banda Ċittadina Leone b'daqq ta' marċi u innijiet Marjani.

Mal-wasla lura tal-Istatwa fuq iz-zuntier, tkanta l-Innu tal-Grazzja mal-Banda Leone u tkantat l-Ave Maria mis-sopran Rita Dimech akkumpanjata fuq l-*organ* mis-Surmast Colin Attard .



Il-Purċissjoni bl-istatwa devota tal-Madonna tal-Grazzja




Patri Karm Dimech, Gwardjan tal-Patrijiet Kapuċċini f'Għawdex, jidher jagħti tifkira lill-parteċipanti tal-pellegrinaġġ



Il-Kongregazzjoni waqt il-Konċelebrazzjoni ta' nhar il-festa. Jidhru fost l-oħrajn, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono u r-raġel tagħha Anthony kif ukoll is-Sindku tal-Belt Victoria, l-Avukat Samuel Azzopardi


## Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***